**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 89 tal-5 ta' Marzu 2018 dwar punt imqajjem mill-Onor. Edwin Vassallo fir-rigward ta' allegazzjoni ta' imputazzjoni minn Membru ieħor tal-Kamra**

Fis-Seduta tas-27 ta' Frar 2018, waqt it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali – Abbozz Nru 22 – waqt li kienet qiegħda tagħmel l-intervent tagħha l-Onor. Rosianne Cutajar, qamet il-kwestjoni mill-Onor. Edwin Vassallo, li għal sitt darbiet staqsa lill-Onor. Rosianne Cutajar biex issemmi min huwa dan ix-xi ħadd mill-Mosta li sejjer imur ħażin b'din ir-riforma dwar il-gwardjani lokali. Infatti testwalment, l-ewwel tentattiv tal-Onor. Edwin Vassallo, meta talab *point of explanation*, li ġie mogħti bil-permess tal-istess Onor. Rosianne Cutajar waqt li kienet qed tippresiedi d-Deputy Speaker, l-Onor. Edwin Vassallo qal hekk:

> "**ONOR. EDWIN VASSALLO:** La semmietni almenu tgħid min hu dak ix-xi ħadd mill-Mosta li se jmur ħażin b'din ir-riforma għax jien ma nafx fuq min qed titkellem."

L-Onor. Rosianne Cutajar baqgħet għaddejja bl-argumenti tagħha dwar dan il-kuntrattur li għandu x'jaqsam mal-gwardjani privati li ġej mil-lokalità tal-Mosta, però baqgħet tirrifjuta li ssemmi l-isem. Hawnhekk, wara sitt tentattivi mill-Onor. Edwin Vassallo sal-aħħar waħda qabel ma talab ir-*ruling* lid-Deputy Speaker, huwa qal hekk:

> "**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Sinjura President, għadda ftit tal-ħin u għadha kemm qalet li dan il-Gvern ma jiddejjaqx jieħu d-deċiżjonijiet. Jien nixtieqha tieħu deċiżjoni waħda; insinwat u tkellmet fuqi li ħabib tiegħi eċċ. Jien nixtieq inkun naf min hi din il-persuna u naħseb li n-nies hemm barra għandhom dritt ikunu jafu wkoll.
>
> Sinjura President, nitlob il-protezzjoni tiegħek sabiex jien inkun naf min hi din il-persuna, ladarba semmietha. Huwa xieraq li nkunu nafu għax hi insinwat fuqi u forsi jibdew jaħsbu li jien qiegħed fil-but ta' xi ħadd. Le, m'iniex, u allura nixtieq inkun naf min hu."

Hawnhekk l-Onor. Rosianne Cutajar irrispondiet u qalet hekk:

> "**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Jien m'għedtlekx li qiegħed fil-but ta' xi ħadd, jiġifieri tipprovax tpoġġi kliem li jien ma għedtx. Jien għedtlek sempliċement li l-motiv tiegħek, għaliex inti qed tkun daqstant kritiku, huwa għaliex se jolqot mill-viċin u se jaffettwa ħażin finanzjarjament lil xi ħadd mil-lokalità tiegħek li għandu interess dirett u li se jitlef minn din ir-riforma."

L-Onor. Vassallo mbagħad talab hekk:

> "**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Sinjura President, nitlob *ruling*. F'din iċ-ċirkostanza, fejn Membru Parlamentari qed issemmi lil xi ħadd li m'għandux x'jaqsam ma' dan il-Parlament u qed issemmih f'ċirkostanza fejn qed talludi li huwa ħabib tiegħi, illum bl-istejjer li hawn tista' tkun qed talludi li jien ġejt nitkellem ... Jien ġejt nitkellem mhux kontra din ir-riforma, imma favur il-ħtieġijiet tan-nies. ...
>
> Għaldaqstant, Sinjura President, qed nitlob *ruling* sabiex nara huwiex ġust li jkollna Membru Parlamentari li tagħmel insinwazzjoni bħal din. Dejjem jekk l-Onor. Cutajar ma jfettillhiex tgħid min hu!"

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni ta’ dak kollu li nqala’ fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2018, u rat li ma kien hemm l-ebda talba li r-*ruling* jintalab taħt l-Ordni Permanenti nru 60 li tgħid:

> “**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b’referenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.”

Dan l-Ordni Permanenti ma japplikax fil-konfront tal-Onor. Edwin Vassallo għaliex l-Onor. Rosianne Cutajar fl-intervent tagħha għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma kienet qed tgħid li l-Onor. Edwin Vassallo qiegħed fil-but ta’ xi ħadd anzi qalet, “tipprovax tpoġġi kliem li jien ma għedtx”. Dan il-punt joħroġ ċar ukoll minn paġna 277 tal-24 Edizzjoni tal-*Erskine May*, fejn insibu li fil-House of Commons:

> “*When a member has made an acceptable apology for the offence, the critical motion has sometimes been withdrawn.*”

Dan hu mument fejn l-Onor. Cutajar għamlitha ċara li ma kienet qed tagħmel l-ebda attribut negattiv fil-konfront tal-Onor. Edwin Vassallo jiġifieri li b’xi mod huwa implikat ma’ dan il-kuntrattur li baqa’ ma ssemmiex.

Is-Sejda rat ukoll li ma tqajjem l-ebda ksur ta’ privileġġ fil-konfront tal-Onor. Rosianne Cutajar, u dan a tenur tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) tal-artiklu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, li jgħid li jkun jikkostitwixxi reat kontra din l-Ordinanza:

> “(b) kull insult jew nuqqas ta’ qima lill-persuna li tkun tippresiedi laqgħa tal-Kamra jew ta’ xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta’ qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta’ qima.”

Hawnhekk mhu qed nitkellmu fuq l-ebda insult, assolutament, anzi għamilha ċara l-istess Onor. Edwin Vassallo li hu jixtieq ikun jaf min huwa dan ix-xi ħadd mill-Mosta li se jmur ħażin b’din ir-riforma dwar il-gwardjani lokali.

Is-Sedja tagħmel referenza għal *rulings* li tat l-istess Sedja fis-Seduta Nru 189 tal-21 ta’ Ottubru 2014 u fis-Seduta Nru 190 tat-22 ta’ Ottubru 2014. F’dawn ir-*rulings* dak iż-żmien is-Sedja kienet ħadet passi fil-konfront tal-Ministru Konrad Mizzi wara punt li kien qajjem l-Onor. George Pullicino meta kien qiegħed jirreferi għal Membru li huwa implikat sew ma’ negozjanti f’dak li għandu x’jaqsam ma’ ħruġ ta’ kuntratti partikolari. Hemmhekk is-Sedja, wara li rat li l-Ministru ma kienx qiegħed, peress li ssemmew kemm il-Membru Parlamentari personali kif ukoll il-kumpanija msemmija, ma kienx ikkorrabora biżżejjed, illi l-Onor. George Pullicino kien fil-but ta’ xi negozjanti u għaldaqstant is-Sejda kienet irrimarkat li filwaqt li s-Sedja tifhem li kull Membru għandu jkun ħieles li jikkritika kull operat ta’ kull Membru ieħor fil-ħidma parlamentari tiegħu, fl-istess ħin hija marbuta li tara li ma jintużax kliem offensiv kemm fil-konfront tal-Kamra kif ukoll kontra Membru tal-istess Kamra.

Kienet ukoll għamlet referenza, kif se tagħmel referenza wkoll f’dan ir-*ruling*, għal paġna 264 tal-24 Edizzjoni tal-*Erskine May* fejn jingħad hekk:

*"To attempt to intimidate a Member in his parliamentary conduct by threats, is also a contempt ... Actions of this character which have been proceeded against, include, impugning the conduct of Members ..."*

Effettivament is-Sedja rat ukoll *ruling* ieħor li ngħata fis-Seduta Nru 74 tal-10 ta' Marzu 1999, dak iż-żmien mid-Deputy Speaker, fejn jingħad hekk:

"Ma jfissirx li dak li ntqal *detto del detto* hija l-verżjoni attwali. Għaldaqstant is-Sedja ma tikkonsidrax li l-Onor. Cuschieri li kien qed jagħmel xi akkuża diretta fil-konfront ta' xi Membru ieħor ta' din il-Kamra."

L-istess jingħad f'*ruling* ieħor li ngħata fis-Seduta Nru 553 tat-18 ta' Lulju 2007, fejn l-Ispeaker, fuq każ li nqala' waqt is-seduta dwar jekk hemmx ksur ta' privileġġ *prima facie* taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, qal hekk:

"Min-naħa l-oħra niġbed l-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra biex ismijiet ta' individwi minn barra l-Kamra ma jissemmewx jekk mhux mija fil-mija neċessarju, xi ħaġa li l-Kamra diġà qed tattwa fejn għandu x'jaqsam ma' interpellanzi meta l-ismijiet ta' individwi jintbagħtu taħt *separate cover*. Għalhekk nappella lill-Onorevoli Membri biex josservaw din ir-regola u nappellalhom ukoll biex dejjem jużaw l-awtodixxiplina u l-prudenza fil-mod kif jikkomportaw u jesprimu ruħhom."

Is-Sedja rat ukoll il-fatt li l-Onor. Rosianne Cutajar, waqt li kienet qiegħda tagħmel l-intervent tagħha, kienet qed tagħmel argument dwar opinjoni tagħha fuq kuntrattur tal-gwardjani li skont hi kien jopera fil-Mosta. Ma kienet qed tagħmel l-ebda referenza li dan il-kuntrattur, b'xi mod, kien involut ma' xi Membru, f'dan il-każ l-Onor. Edwin Vassallo, illi huwa kien qed jagħmel xi malintiż jew kien qiegħed b'xi mod f'xi att ta' korruzzjoni, jew b'xi mod kien qiegħed jagħmel xi kunflitt ta' interess ma' dan il-kuntrattur. B'mod assolut dan ma kienx il-każ.

Is-Sedja rat ukoll il-proċeduri li jiġu segwiti minn diversi parlamenti tal-Commonwealth. Fosthom is-Sedja rat il-*Public Interest Disclosures Act 2002, Procedures to be followed by the House of Assembly* maħruġ mill-Parlament ta' Tasmania, fejn anke fil-konfront ta' kumpanija jew kuntrattur, biex ikun hemm id-*disclosure* jrid ikun hemm ipprovat "*the improper conduct or the corrupt conduct*" u hemmhekk imbagħad bilfors irid jissemma' l-isem tal-kumpanija. Fil-fatt, hemmhekk joħroġ ir-*right to make a disclosure*, xi ħaġa li wkoll ma kenitx il-każ f'dan id-dibattitu li kien qed isir fis-27 ta' Frar 2018.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal dak li jiġri anke f'diversi parlamenti tal-Commonwealth fir-rigward tar-regola magħrufa bħala ċ-*Chatham House Rule*, li tittratta dwar *a system for holding debates and discussion on controversial issues* u li *it is named after the Headquarters of the UK Royal Institute of International Affairs.* Din ir-regola taqra hekk:

"*When a meeting, or part thereof, is held under the Chatham House Rule, participants are free to use the information received, but neither the identity nor the affiliation of the speaker(s), nor that of any other participant, may be revealed.*"

Ovvjament din hija regola li, sakemm ma jkunx hemm il-ksur tal-Ordni Permanenti 60 jew tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, għandha tiġi kemm jista' jkun segwita f'din il-Kamra.

Is-Sedja dejjem tappella sabiex fid-dibattiti Parlamentari, id-diskussjoni tkun waħda matura fejn ma jintużax, kemm jista' jkun, kliem li jista' joħloq malintiż li ma jkunx intenzjonat u dan fir-rispett tal-Ordni Permanenti 60. Għalhekk bħal ma tagħmel dejjem is-Sedja nappella lill-Onorevoli Membri biex josservaw din ir-regola u nappellalhom ukoll biex dejjem jużaw l-awtodixxiplina u l-prudenza fil-mod kif jikkomportaw u jesprimu ruħhom fil-konfront ta' xulxin.

Ir-*ruling* huwa deċiż.